13 ta' Mejju, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Bernarda Caruana et. *versus* Giuseppe Borg

**Sponsali — Reżiliment — Danni — Ċurkett — Kunsens tal-Ġenituri — Kapaċità — Stipulazzjoni taż-żmien — Art. 1168 u 1074 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Azzjoni għar-riżarċiment ta' danni minħabba reżiliment inġust ta' għerusija tirrikjedi, biex tista' tiġi milqugħa, li kien hemm l-għerusija bejn il-kontendenti, li din l-għerusija tħassret mill-konvenut mingħajr ġusta kawża, u li minħabba dan it-tħassir il-parti l-oħra sofriet danni materjali.*

*Biex jista' jingħad li kien hemm għerusija mhux meħtieġ li kien hemm kuntratt formali tal-għerusija; u lanqas li jkun ġie mogħti ċ-ċurkett. Kif lanqas ma huwa meħtieġ li jkun hemm l-istipulazzjoni taż-żmien għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, jew il-konjizzjoni jew il-kunsens tal-ġenituri. Dak li hu meħtieġ hija l-kapaċità tal-partijiet li jikkuntrattaw l-għerusija; u din l-kapaċità hija dik stess li wieħed ikun jista' jikkuntratta ż-żwieġ.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, wara li ppremettew illi l-konvenut kien ippromettа ż-żwieġ lill-attriċi Dolores Caruana, u wara li dam jiffrekwenta d-dar ta' l-attriċi Bernarda u Dolores Caruana għal ċirka sena u nofs wara li sar maġġjorenni fis-27 ta' Marzu 1948 (dok. A), kiser l-għerusija mingħajr l-ebda ħtija ta' l-attriċi Dolores Caruana; u illi matul dan iż-żmien ta' ċirka sena u nofs l-attriċi kienu ssomministraw lill-konvenut ġeneri alimentari, xorb, u "groceries", u xi indumenti, tant fid-dar ta' l-attriċi stess kemm bnadijiet oħra; u illi, bħala konsegwenza tar-reżiliment inġustifikat tal-konvenut mill-għerusija, l-attriċi sofriet danni konsistenti fl-ispiża għas-somministrazzjoni tal-ġeneri u oġġetti fuq indikati u fi kwalunkwe dannu ieħor illi jista' jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; prevja, jekk neċessarja, id-dikjarazzjoni illi r-reżiliment tal-konvenut mill-għerusija kien mingħajr ġustifikazzjoni, u illi huwa responsabili tad-danni li sofrew l-attriċi u tenut għar-rifużjoni ta' l-istess danni; talbu illi tiġi minn dina l-Qorti

operata, jekk neċessarju b'opera ta' periti, il-likwidazzjoni taddanni li sofrew l-attriċi in konsegwenza ta' l-inġustifikat režiliment tal-għerusija min-naħa ta' l-istess konvenut, konsistenti fl-ispejjeż inkorsi mill-attriċi għas-somministrazzjoni ta' ġeneri alimentari, xorb, 'groceries' u indumenti, għall-perijodu ta' ċirka tmintax-il xahar, u fi kwalunkwe dannu ieħor li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi l-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallas lill-attriċi, in linea ta' danni, dik is-somma illi għal dan l-oġġett tiġi hekk likwidata. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni ta' l-atturi għandha tiġi regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili f'materja ta' danni ċivili, u mhux minn dawk tal-Liġi dwar Wegħdiet ta' Żwieġ (Kap. 7 tal-Liġijiet ta' Malta); għar-raġuni li l-għerusija pretiża mill-atturi ma tirriżultax li saret bil-miktub. Biex it-talbiet ta' l-atturi jiġu milqugħa jeħtieġ li jiġu pruvati dawn ir-rekwiżiti, jiġifieri (1) li kien hemm għerusija bejn l-attriċi Dolores Caruana u l-konvenut, (2) li din l-għerusija tħassret mill-konvenut mingħajr ġusta kawża, u (3) li minħabba t-tħassir tal-għerusija l-atturi sofrew danni materjali;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel rekwiżit;

Illi l-perit legali wasal għall-konklużjoni li kien hemm għerusija bejn il-konvenut u l-attriċi Dolores Caruana; u dina l-konklużjoni għandha tiġi milqugħa. Jirriżulta li l-konvenut kien ilu jkellem lill-attriċi Dolores Caruana, bħala namrat, minn qabel ma għalaq it-tmintax-il sena; imma kif għalaq din l-età, u għal xi sena u ħames xhur wara, kif jgħid hu stess, huwa beda u kompla jidħol fid-dar ta' l-attriċi Bernarda Caruana biex ikellem lill-attriċi Dolores Caruana. F'dan iż-żmien hu kien jiekol spiss, kważi kuljum hemm hekk; kien joħroġ ma' l-attriċi Dolores Caruana...........;

Illi l-konvenut jissottometti li bejnu u l-attriċi ma kienx hemm għerusija, għaliex qatt ma kien hemm kuntratt formali ta' għerusija, billi lanqas ma ngħata ċ-ċurkett ta' dik l-għerusija, kif ukoll għaliex ma kienx hemm il-kunsens tal-ġenituri tiegħu u ma ġiex stipulat iż-żmien li fih kellu jsir iż-żwieġ;

Illi s-sottomissjonijiet tal-konvenut ma humiex sostenibli.

Mhux meħtieġ li jkun hemm kuntratt formali ta' għerusija biex din tiġi kunsidrata bħala tali. Sa fi żmien id-Dritt Ruman il-forma tal-għerusija kienet libera, imma kien meħtieġ il-kunsens reċiproku "mentis et repromissis". Il-mara li kienet tkun għadha bħal speċi namrata tal-lum kienet tissejjaħ "sperata"; imbagħad meta hija kienet titgħarras, kienet tiġi msejħa "pacta", jekk l-għerusija kienet issir mingħajr il-formalità ta' l-istipulazzjoni, imma biss bis-sempliċi "pactio", u "sponsa" jekk l-għerusija kienet issir b'dik il-formalità—"habent speratas, habent pactas, habent interpositis stipulationibus sponsas" (Arnobius, Adv. gent., IV. 20). Imma l-għerusija kienet tkun dejjem teżisti kif għandha tkun kunsidrata li teżisti l-lum, anki jekk ma kienetx tiġi preċeduta jew akkumpanjata bil-formalità ta' li "stipulatio". U jekk ma kienx hemm bżonn ta' ebda formalità, lanqas kien hemm bżonn li jingħata xi ċurkett. Infatti, dan iċ-ċurkett, li għandu n-natura ta' kapparra, kien jingħata mill-għarusa lill-għarus, kif għadu jingħata sal-lum, anki fi żmien id-Dritt Ruman (para. "si quis", L. 11, ff. de act. empt. et vend.), bħala simbolu tal-fedeltà biex tiġi assikurata l-promessa taż-żwieġ; imma dan kien jingħata biss fl-okkażjonijiet meta l-għerusija kienet issir bil-formalità fuq imsemmija;

Dak li hu meħtieġ hija l-kapaċità tal-partijiet li jikkuntrattaw għerusija; liema kapaċità hija dik stess li huma jkunu jistgħu jikkuntrattaw iż-żwieġ. U ma hemmx kontestazzjoni li l-konvenut u l-attriċi Dolores Caruana minn Marzu 1948, meta l-konvenut kien beda jiffrekwenta d-dar ta' l-attriċi Bernarda Caruana kif intqal fuq, kellhom it-tnejn din il-kapaċità. L-istess konvenut fix-xhieda tiegħu jammetti li kien hemm għerusija bejnu u l-attriċi Dolores Caruana...........;

Illi għalhekk, ladarba kien hemm dina l-kapaċità, u kien hemm dina l-promessa hekk aċċettata, ma kienx meħtieġ li jsir kuntratt formali, almenu għall-finijiet ta' din l-azzjoni, li hija azzjoni ta' danni, u mhux azzjoni ta' inġurja naxxenti minn reżiliment inġust ta' sponsali (Kollez. Vol. XXIV—I—291; 945);

Lanqas ma huma meħtieġa, għalhekk, la l-istipulazzjoni taż-żmien, u lanqas il-konjizzjoni u l-kunsens għall-għerusija min-naħa tal-ġenituri. Mhux meħtieġa l-istipulazzjoni taż-

żmien, għaliex l-għerusija *tista' ssir*, u ordinarjament issir, mingħajr ebda prefissjoni ta' żmien għaż-żwieġ, u dan iż-żmien jiġi stabbilit fil-kors tal-għerusija. Dan it-terminu jista' jservi ta' raġuni, jekk ma jkunx *raġjonevoli*, *mhux* biex issir l-għerusija, imma biex l-għerusija titħassar, kif kien fil-każ in eżami, u kif jissemma aktar 'il-quddiem. Lanqas ma hemm bżonn, għad li jkun desiderabili li jsir *hekk għall*-armonija fil-familja, li jkunu jafu l-ġenituri ta' kull parti, jew li dawn jagħtu l-kunsens tagħhom. Dan il-kunsens jista' jkun meħtieġ għal xi effetti oħra, bħal dak ta' l-eżenzjoni *mill-obligu* ta' l-alimenti lil dawk li *jiżżewġu*, jekk huma jiġu fil-bżonn, imma mhux ukoll għall-fini li ssir l-għerusija. Fuq kollox, ma jistax jingħad li l-ġenituri tal-konvenut ma kienux *jafu bl-għerusija* ta' dan ma' l-attriċi Dolores Caruana, u li huma qatt urew oppożizzjoni fil-kors tagħha għaliha. Hekk, Maria Borg, omm il-konvenut xehdet (fol. 77) li ż-żewġ atturi *kienu* kellmuha fuq l-għerusija u hija *ma opponietx*, u kellha tkellem lil żewġha......... In kwantu għal Salvatore Borg, missier il-konvenut, mhux konċepibili li martu qatt ma qaltlu xejn *fuq* iċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin............ Dawn iċ-ċirkustanzi jservu biex juru li Salvatore Borg kien jaf ukoll bl-għerusija tal-konvenut ma' l-imsemmija attriċi, u huwa qatt ma oppona ruħu għaliha sa l-aħħar; l-oġġezzjoni tiegħu kienet biss dwar iż-żmien;

Ikkunsidrat dwar it-tieni rekwiżit;

Illi l-perit legali wasal *għall-konklużjoni* li l-għerusija bejn il-konvenut u l-attriċi Dolores Caruana tħassret bi ħtija tal-konvenut; u din il-konklużjoni għandha tiġi ukoll milqugħa........... Għalhekk l-għerusija *tħassret bi* ħtija tal-konvenut, għaliex mhux biss biddel il-kondizzjoni ta' qabel, imma l-kondizzjonijiet ġodda li mpona ma kienux raġjonevoli; huwa ma tax segwitu għall-*obligu li* assuma meta dan kien jiddependi mill-*volontà* tiegħu (Vol. VII. 431), għax missieru ma setax jindaħallu, u fil-kors tal-għerusija ma ssopraġġunġa ebda każ fortuwitu li seta' jimpedilu li jkompli *l-obligu li* assuma;

Ikkunsidrat dwar it-tielet rekwiżit;

Illi l-perit legali wasal għall-konklużjoni li l-attriċi Dolores Caruana ma sofriet ebda danni *konsegwentement* għat-tħassir tal-għerusija fuq imsemmija; imma l-attriċi Bernarda Caruana, minħabba dik ir-raġuni, sofriet danni fl-ammont ta'

£58. 2. 6. Anki dina l-konklużjoni tal-perit legali għandha *tiġi milqugħa*;

Illi ġie infatti abbondantement pruvat li l-konvenut kien imur jiekol u jixrob għand l-attriċi Bernarda Caruana kważi kuljum......... Il-Qorti tagħmel tagħha r-raġunijiet sottomessi mill-perit legali dwar l-ammont li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi Bernarda Caruana, bħala danni............ Il-konvenut hu tenut għal dak l-ammont bħala danni, anki in forza tad-dispożizzjoni ta' l-art. 1168 *tal-Kodiċi Ċivili*, billi huwa naqas *li jeżegwixxi l-obligazzjoni li kkuntratta*—dispożizzjoni sostnuta minn Touillier (Diritto Civile Francese, t. VI, n. 293-303), u minn Merlin (Rep. t. XXIII, p. 102)—u anki fit-termini ta' l-art. 1074 ta' l-istess Kodiċi, li jiddisponi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu—dispożizzjoni propunjata f'każi simili minn Laurent (Diritto Civile, Vol. II, p. 311). Ma jirriżultax li l-attriċi Dolores Caruana sofriet xi danni minħabba l-ksur tal-għerusija ġà msemmija, billi ma jidherx li hija ħallset "de proprio" xi ħaġa *mill-ammont* fuq imsemmi; u għalhekk *it-talba* tagħha *biex titħallas ta'* danni ma tistax tiġi milqugħa; u hekk l-ispejjeż għandhom jiġu moderati;

*Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-perit legali;*

Tiddeċidi billi *tiddikjara* illi kien hemm għerusija bejn l-*attriċi Dolores Caruana* u l-*konvenut*, li *tħassret* bi ħtija *ta' dan ta'* l-aħħar; u li l-konvenut hu responsabili tad-danni sofferti mill-attriċi Bernarda Caruana minħabba dak it-tħassir tal-għerusija, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; u tillikwida dawk id-danni fl-ammont ta' £58. 2. 6, u tikkundanna lill-konvenut iħallas dak l-ammont hekk likwidat lill-attriċi Bernarda Caruana, bl-imgħax legali mil-lum, u bl-ispejjeż in kwantu għal 7/8 għall-konvenut u in kwantu għal 1/8 mill-attriċi Dolores Caruana.